

FTEHIM

tal-31 ta' Diċembru 2007

bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ċentrali ta' Malta rigward il-klejm ikkreditata lill-Bank Ċentrali ta' Malta mill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2008/C 29/05)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U L-BANK ĊENTRALI TA' MALTA,

fl-1 ta' Jannar 2007, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22 tal-31 ta' Diċembru 2007, dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' l-assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjonijiet mis-Central Bank of Cyprus u l-Bank Ċentrali ta' Malta għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, l-ammont aggregat ekwivalenti għall-euro ta' assi barranin ta' riżerva li l-Bank Ċentrali ta' Malta għandu jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, skond l-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") huwa ta' EUR 36 553 305,17.
- (2) Skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4 (1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, il-BĊE għandu jikkredita lill-Bank Ċentrali ta' Malta bi klejm iddenominata fl-euro ekwivalenti għall-ammont aggregat u ddenominat fl-euro tal-kontribuzzjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta ta' assi barranin ta' riżerva, skond l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Il-BĊE u l-Bank Ċentrali ta' Malta jaqblu li jistabbilixxu l-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta għall-ammont ta' EUR 35 831 257,94, sabiex jiġi żgurat li l-proporzjon bejn l-ammont fl-euro tal-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta u l-ammont aggregat iddenominat fl-euro tal-klejms ikkreditati lill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra ta' l-Istati Membri li diġà adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "il-BĊNi parteċipanti") ikun indaqs mal-proporzjon bejn il-piż tal-Bank Ċentrali ta' Malta fl-iskema kapitali tal-BĊE u l-piż aggregat tal-BĊNi parteċipanti l-oħra f'din l-iskema.
- (3) Id-differenza bejn l-ammonti msemmija fir-*recitals* 1 u 2 tirriżulta mill-applikazzjoni, għall-valur ta' l-assi barranin ta' riżerva ttrasferiti diġà mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-Artikolu 30.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, tar-rati tal-kambju kurrenti msemmija fl-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, u mill-effett fuq il-klejms skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ li l-BĊNi parteċipanti l-oħra kellhom, ta' l-aġġustament ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar 2004, skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut SEBĊ u t-tkabbir ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Mejju 2004 u
- (4) Minħabba din id-differenza hawn fuq imsemmija, il-BĊE u l-Bank Ċentrali ta' Malta jaqblu li l-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta tista' titnaqqas billi jitpaċa kontriha l-ammont li l-Bank Ċentrali ta' Malta għandu jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, fil-każ li l-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta hija akbar mill-ammont ta' EUR 35 831 257,94.
- (5) Il-BĊE u l-Bank Ċentrali ta' Malta għandhom jaqblu dwar modalitajiet oħra għall-ikkreditar tal-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta, waqt li jiġi kkunsidrat li, skond il-movimenti tar-rata tal-kambju, jista' jinħtieġ li l-klejm tiżdied aktar milli titnaqqas għall-ammont imsemmi fir-*recital* 2.
- (6) Il-Kunsill Governattiv approva li l-BĊE isir parti minn dan il-Ftehim, li jittratta deċiżjoni li għandha tittieħed skond l-Artikolu 30 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.3 ta' l-Istatut SEBĊ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Modalitajiet għall-ikkreditar tal-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta

1. Jekk l-ammont tal-klejm li l-BĊE għandu jikkredita lill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22 (minn issa 'l quddiem "il-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta" jew "il-klejm") huwa akbar minn EUR 35 831 257,94 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi l-assi barranin ta' riżerva mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas b'effett minn dik id-data għal EUR 35 831 257,94. Dan it-tnaqqis għandu jsir billi, l-ammont li l-Bank Ċentrali ta' Malta għandu jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, jitpaċa kontra l-klejm. L-ammont paċut

⁽¹⁾ ĠUL 27, 1.2.2008.

għandu jkun ittrattat bħala kontribuzzjoni minn qabel għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, li għandha titqies li tkun saret fid-data ta' dik it-tpaċija.

2. Jekk l-ammont li għandu jiġi kkontribwit mill-Bank Ċentrali ta' Malta għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22 huwa anqas mid-differenza bejn: (a) l-ammont tal-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta; u (b) EUR 35 831 257,94, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas għal EUR 35 831 257,94: (i) billi jitpaċa skond il-paragrafu 1 hawn fuq; u (ii) billi l-BĊE iħallas lill-Bank Ċentrali ta' Malta ammont fl-euro daqs l-ammont tad-defiċit li jifdal wara din it-tpaċija. Kull ammont li jrid jitħallas mill-BĊE skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut b'effett mill-1 ta' Jannar 2008. Il-BĊE għandu, sadanittant, jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' dan l-ammont, u ta' l-imgħax nett akkumulat fuq dan l-ammont, permezz tas-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* (TARGET/TARGET2). L-imgħax akkumulat għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni "*actual over 360-day*" b'rata daqs ir-rata ta' l-imgħax margjinali wżata mill-Eurosistema fl-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

3. Jekk l-ammont tal-klejm tal-Bank Ċentrali ta' Malta huwa anqas minn EUR 35 831 257,94 fid-data finali li fiha l-BĊE jir-ċievi l-assi barranin ta' riżerva mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, allura l-ammont tal-

klejm għandu jiżdied f'dik id-data għal EUR 35 831 257,94. Iż-żieda għandha ssir billi l-Bank Ċentrali ta' Malta jħallas lill-BĊE ammont fl-euro daqs id-differenza. Kull ammont li għandu jit-ħallas mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut mill-1 ta' Jannar 2008, u għandu jitħallas skond il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 5(4) u (5) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.
2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja f'żewġ kopji oriġinali u ffir-mati bl-Ingliż. Il-BĊE u l-Bank Ċentrali ta' Malta għandhom iżommu kopja oriġinali kull wieħed.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fil-31 ta' Diċembru 2007.

Għall-Bank Ċentrali Ewropew
Jean-Claude TRICHET
President

Għall-Bank Ċentrali ta' Malta
Michael C. BONELLO
Gvernatur